MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 906/2006

**Saviour Agius**

**vs**

**Kalaxlokk Company Limited (C 7950)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Saviour Agius li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

L-attur huwa impjegat u jaghmel xoghol ta’ construction mas-socjeta’ konvenuta;

Nhar is-sitta (6) ta’ Settembru tas-sena 2002 waqt li l-attur kien qed jahdem fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta huwa korra;

B’rizultat dirett tal-imsemmi incident, l-attur sofra telf ta’ qligh, dizabilita’ permanenti u danni konsegwenzjali;

L-imsemmi incident sehh unikament tort, b’negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta’ konvenuta;

Is-socjeta’ konvenuta giet interpellata, anke ufficjalment, sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kollha sofferti mill-attur, izda baqghet inadempjenti.

Talbet is-socjeta’ konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghall-incident li sehh nhar id-9 ta’ Settembru 2002, f’liema incident korra l-attur, kif fuq deskritt;

Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-incident imsemmi;

Tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-24 ta’ Awwissu 2004 u l-1 ta’ Gunju 2006 rispettivament u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Kalaxlokk Company Limited, li in forza taghha eccepiet illi:

Kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u jinghad:

i) Illi l-fatti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 mir-rikors guramentat tar-rikorrent mhumiex kontestati.

ii) B'referenza ghall-fatti msemmija fil-paragrafu 3 mir-rikors guramentat tar-rikorrent, illi r-rikorrent irid jipprova illi huwa sofra danni kawza tal-incident mertu tal-kawza odjerna, inkluzi danni konsistenti f'telf ta' qligh, kawza ta' dizabilita' permanenti, kif qieghed jallega l-istess rikorrent.

iii) Illi l-fatti msemmija fil-paragrafu 4 mir-rikors guramentat tar-rikorrent huma kontestati stante li l-incident mertu tal-kawza odjerna ma sehhx tort tas-socjeta' intimata.

iv) B'referenza ghall-fatti msemmija fil-paragrafu 5 mir-rikors guramentat tar-rikorrent, u bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent illikwida l-pretensjoni tieghu fuq kriterji zbaljati, u f'kull kaz, is-socjeta' intimata ma kellha taghmel tajjeb ghal ebda danni li seta' sofra r-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Il-fatti suesposti, Edwin Mamo jaf bihom personalment.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2008 meta l-Qorti nkarigat lil Dr. Norbert Vella, newrologu, sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni fizika tar-rikorrenti.

Rat ir-rapport tal-fuq imsemmi espert mediku minnu konfermat bil-gurament fl-10 ta' April 2008.

Rat ir-relazzjoni tal-periti perizjuri Dr. Anthony Galea Debono, Dr. Josanne Aquilina u Dr. Mario Vassallo mahtura minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 2009.

Rat l-affidavit kollha.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-kawza hija rizultat ta' incident fuq il-post tax-xoghol li l-impjegat, rikorrenti, isostni li gara htija ta'

Kalaxlokk Company Limited li maghha kien impjegat. Kalaxlokk tichad kull responsabilita'.

Jirrizulta illi Saviour Agius kien impjegat ma' Kalaxlokk Company Limited. Fil-jum tal-incident kien qieghed jahdem fuq is-sit ta' kostruzzjoni tal-isptar il-gdid, Mater Dei. Flimkien ma' impjegati ohra kien qieghed jesegwixxi operazzjoni li permezz taghha hadidiet twal xi tnax-il pied, bi hxuna ta' pulzier u b'toqol ta' hamsa u ghoxrin kilogramm jew aktar jitnewlu mill-art lill-haddiema ohra f'livell aktar gholi sabiex jitqeghdu f'shutter. Persuna li tkun fl-art terfa' l-hadida min-naha wahda, bin-naha l-ohra tibqa' tmiss mal-art, u tibda titnewwel ftit ftit lil min ikun fuq it-twavel. F'din il-procedura gieli kien jintuza habel ohxon sabiex min ikun fl-gholi jghin billi jigbed ukoll. Waqt li kienet ghaddejja din l-operazzjoni, Saviour Agius, li dak il-hin kien qieghed isfel inewwel il-hadid, wegga' dahru. Kellu "disc prolapse" u gie operat minn kirurgu li sussegwentement iccertifika percentwali ta' dizabilita' permanenti ta' 15%. L-espert inkarigat mill-Qorti iccertifika dizabilita' ta' 12% u l-periti addizzjonali kkonkludew debilita' permanenti ta' 10%.

L-obbligi ta' min ihaddem biex ihares lill-impjegati tieghu minn kull infortunju huma ben noti. Gurisprudenza estensiva u kostanti ta' din il-Qorti jissenjalaw u jenfasizzaw fost affarijiet ohra, l-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi post tax-xoghol sigur, attrezzi u ghodda adegwati, sistema ta' xoghol sigura, tahrig adegwat u supervizjoni adegwata. Il-Qorti tissenjala f'dan il-kuntest bhala partikolarment rilevanti s-sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Scicluna vs T.N. Waterproofing" (deciza fl-20 ta' April 2007), "Cini vs Wells" (deciza fid-29 ta' Mejju 2001), "Grech vs Bugeja" (deciza fid-9 ta' Ottubru 2009) u "Mallia vs Mizzi" (deciza fid-9 ta' Ottubru 2003).

Il-Qorti qieset il-fatti kollha kif pruvati permezz tax-xhieda prodotti fid-dawl tal-insenjament ta' dawn il-Qrati. Ghar-rigward tas-sistema tax-xoghol, jirrizulta illi l-impjegati kienu qed jigu mitluba jerfghu u jolzaw vireg tal-hadid ta' piz kbir, dan minghajr l-ghajnuna ta' crane jew xi mod

iehor mekkaniku li jghin fl-irfigh. Il-provi rigward il-possibilita' tal-uzu tal-crane huma konfliggenti. Alexander Bonello jsostni illi "*Ma kienx hemm hin li jintuza l-crane ghax il-hin tal-crane ikun limitat. Il-problema ghall-crane kien il-hin limitat. Il-crane kien ikun jitqassam ma' hafna kuntratturi.*" Ikompli hekk: "*Fuq domanda tal-Qorti jiena nghid illi kieku tista', bi crane tahdem hafna ahjar. Xi hadd jigbed kien ikun hemm dejjem, anke jekk il-crane jehodlok il-piz hu.*" Min-naha l-ohra, Michael Bondin xehed "*Ma kellniex lifter ghad-dispozizzjoni taghna, pero', hemmhekk, bi crane ma tistax tahdem. Minhabba n-natura tax-xoghol peress illi l-hadid kien ikun irid idawru tond u jnizzlu bi precizjoni fid-djuq, ma setax jintuza' crane. Meta kellna bzonn il-crane u stajna nahdmu bil-crane, kien ingieb il-crane u hdimna bil-crane.*" Minbarra n-nuqqas ta' crane, pero', jirrizulta li fil-mument tal-incident lanqas il-habel ohxon ma kien qed jintuza' ghaliex ix-xoghol ma kienx ghadu wasal aktar mill-gholi ta' bniedem.

Kif xehed l-istess Alexander Bonello:

"*Nghid li minhabba l-piz ta' dawn il-hadid, gieli jintrabat habel ohxon minn fuq biex tinghata l-ghajnuna ghall-irfigh imma dakinhar li gara dan l-incident, nghid li ma kienx hemm. Niftakar li kellna target date sa meta kellna nlestu dan it-tip ta' process, ghalhekk kien hemm certu ghaggla u pressjoni biex jitlesta l-istess xoghol.*"

Madanakollu, din il-Qorti tqis li l-fatt wahdu li fil-post fejn kienu qed jahdmu ma setax jintuza' crane', ma jaghtix permess lil min jimpjega jesigi lill-impjegati jerfghu toqol li mhux ragjonevoli li wiehed jerfa' u jgholli minghajr xi ghajnuna mekkanika. Dak li hu esageratament tqil ghal persuna li terfa' jibqa' hekk indipendentement min-natura tax-xoghol. Il-Qorti tinnota li Michael Bondin, meta xehed in kontroezami u gie mistoqsi dwar it-toqol tal-hadid sostna li "lanqas 3 min-nies ma jerfghuha". Madanakollu, il-haddiem kien qed jigi mitlub jgholliha (anke jekk mhux jerfaghha) m'oghla bniedem.

Il-Qorti rriskontrat ukoll nuqqas ta' sorveljanza adegwata. Jirrizulta li ma kienx hemm persuna regolarment inkarigata mis-sorveljanza tax-xoghol. Il-haddiema kienu jiftehmu bejniethom min joqghod isfel inewwel u min fuq biex jigbed. Din, fil-fehma tal-Qorti turi nuqqas ta' sorveljanza u organizzazzjoni adegwata. Employer serju fuq lant tax-xoghol tant difficli u mimli perikli huwa, fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut li jorganizza u jissorvelja lill-impjegat tieghu bi skrupolozita' kbira. Fil-kaz in ezami, il-Qorti ssib li dan ma ssehhx. Is-socjeta' intimata donnha tistrieh fuq il-fatt li fuq is-sit kien ikun prezenti "health and safety officer" ta' Skanska, socjeta' indipendenti totalment mill-intimata u li maghha r-rikorrenti ma kellu ebda relazzjoni. Il-presenza ta' health and safety officer ta' Skanska ma tistax titqies li tezonera lill-Kalaxlokk mill-osservanza tal-obbligi taghha li thares lill-haddiema taghha tibghathom fejn tibghathom. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis li dak li gara ghandha twiegeb ghalih Kalaxlokk Company Limited.

<u>Danni</u>

L-Art. 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

"***1045.*** *(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati.*"

Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Borg vs Muscat" (deciza fid-9 ta' Jannar 1973):

"*L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-pozizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn.*"

Ma ngabet lill-Qorti ebda prova dwar kemm kien qed jippercepixxi r-rikorrent ghal xoghol overtime u ghalhekk il-Qorti qieghda tibbaza l-kalkoli fuq il-paga gross tieghu kif tirrizulta mid-dokumenti. Ghal dak li huwa multiplier huwa qieghed isostni li ghandu jintuza' multipler oghla minn dak komunement addottat minn dawn il-Qrati f'kazijiet fejn il-persuna jkollha bejn 51 u 55 sena meta jsehh l-incident. Din il-Qorti ma thossx li ghandha taddotta multiplier oghla minn 11% (ara "Spiteri vs Magro et", deciza fl-24 ta' Jannar 2011) ghar-raguni li x-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrenti kien wiehed ta' strapazz fiziku konsiderevoli u ma jistax ragjonevolment jitqies li kien ser jibqa' ekonomikament attiv wara l-eta' tal-irtirar.

Inoltre qed tizdied il-percentwali ta' 12% biex tkopri l-probabilita' tal-gholi tal-hajja. Mhuwiex qed jitnaqqas xejn in relazzjoni ma' lump sum payment stante li ghadda hafna zmien mill-incident.

Ghaldaqstant;

€13,266.94 x 10% x 11 = €14,593.63
Gholi tal-hajja (12%) = €1,751.24
Total = €16,344.87

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet ta' Saviour Agius u tiddikjara li Kalaxlokk Company Limited hija responsabbli ghall-incident li sehh fid-9 ta' Settembru 2002; tillikwida d-danni fl-ammont ta' sittax-il elf, tliet mija u erbgha u erbghin u sebgha u tmenin centezmu (€16,344.87); tikkundanna lill-Kalaxlokk Company Limited thallas lil Saviour Agius is-somma ta' sittax-il elf, tliet mija u erbgha u erbghin u sebgha u tmenin centezmu (€16,344.87), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Kalaxlokk Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------